**22 ta' April, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Colin John Trundell

*versus*

Onorevoli Ministru ta' l-Affarijiet Barranin *et.*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smiegħ Xieraq – Estradizzjoni – Opportunità suffiċjenti – Provi**

*Rikors fejn ġie allegat il-ksur ta' dritt għas-smiegħ xieraq fi proċeduri għall-estradizzjoni tar-rikorrent. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali, wara sentenza parzjali b'liema, l-ewwel sentenza ġiet revokata inkwantu ddikjarat il-proċedura ta' estradizzjoni mhux koperti bil-garanzija kostituzzjonali* , fil-meritu ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent.*

*Ir-rikorrent kien ingħata opportunità suffiċjenti biex jikkontesta l-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni, u għalhekk ma setax jingħad li ma ingħatax smiegħ xieraq fil-proċeduri għall-estradizzjoni tiegħu.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

*Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta' April, 1991.

Colin John Trundell ippreżenta rikors quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla, li fih espona illi fil-11 ta' Settembru 1989 huwa ġie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta mill-ispettur tal-pulizija Kevin Ellul Bonici li talab l-estradizzjoni tiegħu għall-Ingilterra. Dakinhar ġew esibiti elfejn, mitejn u erbgħa u tmenin (2284) paġni ta' dokumenti in sostenn tat-talba ta' estradizzjoni. Provi oħra ġew imressqa fis-seduti tat-2 ta' Ottubru 1989, 11 ta' Novembru 1989 u 5 ta' Diċembru 1989.

Huwa ma ngħatax kopja tad-dokumenti u l-aċċess għal dawn il-provi kien bil-bosta limitat u diffiċli. Il-provi tal-Prosekuzzjoni spiċċaw fil-5 ta' Diċembru 1989.

B'hekk id-difiża ġiet fil-posizzjoni li jew tressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tagħha simultanjament mal-Prosekuzzjoni (ħaġa inawdita f'kull proċess) jew qabel ma l-Prosekuzzjoni tikkonkludi definittivament il-provi tagħha, jew inkella tipproduċi l-provi tagħha fi żmien qasir ħafna stante li l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja ddeċidiet fid-digriet tagħha tas-6 ta' Diċembru 1989 illi t-termini tal-kompilazzjoni kienu ta' tlett xhur, bħala massimu, u kollox kellu jintemm sat-Tnejn, 11 ta' Diċembru, 1989, meta kellha tagħti l-ordni finali. B'hekk l-istadju tal-provi tad-difiża ġie ridott għal terminu assurd u ċjoè għal ftit jiem.

Ir-rikorrenti inoltre xtaq itella' xhieda b'ittri rogatorji, liema xhieda huma residenti fl-Ingilterra u ġew eżaminati mill-awtoritajiet Ingliżi fir-Renju Unit, imma dan ma setax jagħmlu fit-terminu qasir a disposizzjoni tiegħu.

B'dawn il-fatti, ir-rikorrenti ħass li d-drittijiet garantiti bl-

artikoli 39(1), (2) u (6) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-konfront tiegħu, ma ġewx rispettati.

B'sentenza tas-27 ta' Lulju, 1990, l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla, *iddisponiet minn kwistjoni li tirrigwarda l-leġittimi* kontraditturi f'din il-kawża. Din is-sentenza ma ġietx appellata.

L-istess Onorabbli Qorti, imbagħad b'sentenza tal-15 ta' Novembru 1990 iddeċidiet il-kawża billi rrespinġiet t-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Ir-rikorrent appella u din il-Qorti Kostituzzjonali li fit-12 ta' April 1991 laqgħet l-ewwel parti ta' dak l-appell peress illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrent billi rriteniet li proċeduri li għalihom kien assoġġettat ir-rikorrenti, ma kinux koperti mill-garanziji kostituzzjonali f'proċeduri kriminali. Għalhekk trid issir riferenza għal dik is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tat-12 ta' April 1991 li tispjega għaliex bis-sentenza ta' llum, din il-Qorti, issa qed teżamina l-meritu ta' l-allegati vjolazzjonijiet.

*Il-proċedura kontra r-rikorrenti bdiet fil-11 ta' Settembru* 1989. Skond il-liġi, dik il-proċedura kellha tiġi konkjuża fi żmien xahar, imma fit-2 ta' Ottubru 1989 il-Maġistrat Inkwerenti talab li ż-żmien ta' xahar jiġi mtawwal għall-perijodu ta' xahar ieħor minħabba n-numru kbir ta' dokumenti li ġew eżebiti fil-kompilazzjoni w li riedu jiġu eżaminati.

Fid-9 ta' Ottubru 1989 ġie reġistrat dan il-verbal:

*"because of the number of documents to be examined, the Court puts off the case to the 8th November 1989 for the final submissions of defense counsel."*

F'rikors li r-rikorrent għamel fid-19 ta' Ottubru 1989, huwa *'inter alia'* iddikjara:

*"That at this stage of the proceedings the Prosecution has declared that it has no further evidence to proffer"*.

Fid-9 ta' Novembru 1989 il-Qorti reġgħet talbet proroga tat-terminu ta' xahar – sal-11 ta' Diċembru 1989 – *"because of the great number of documents to be examined"*.

Fis-27 ta' Novembru 1989 ir-rikorrenti ppreżenta nota ta' sottomissjonijiet u fiha, fost ħwejjeġ oħra, qal ukoll:

*"The basic difference of approach would appear to lie in the fact that the Attorney General has had access to all the 2284 pages of documentation sent by the United Kingdom Director of Public Prosecution, whereas accused* ***has not had any such access except*** *through* ***the*** *occasional cursory examination by his Counsel in the limited time and facilities available"*.

Il-Qorti ma tarax illi tista' taċċetta din is-sottomissjoni. Ir-rikorrent, kif jiġri f'kull kompilazzjoni kellu kull opportunità biex jeżamina d-dokumenti eżebiti mill-mument li ġew preżentati sakemm il-Qorti ppronunzjat l-ordni ta' estradizzjoni fil-11 ta' Diċembru 1989 – jiġifieri prattikament kellu l-istess żmien li kellha l-istess Qorti għall-eżami tad-dokumenti. Huwa veru li jidher li r-rikorrent ma ngħatax kopji ta' dawn id-dokumenti imma l-anqas ma jirriżulta li huwa għamel talba biex ikollu dawn

il-kopji u li din ġiet miċħuda. Difatti talba bħal din saret biss fl-4 ta' Diċembru 1989, u barra li ġie nnutat li saret daqshekk tard, mhux talli ġiet milqugħa imma l-Prosekuzzjoni offriet il-kopja li kellha f'idejha billi inħolqot xi diffikultà biex isiru l-fotokopji mitluba.

Mir-rikors tar-rikorrent tad-**19 ta' Ottubru 1989,** ġa kwotat, jidher illi l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika kien lesta l-provi tal-Prosekuzzjoni u li minn dik id-data 'il quddiem ir-rikorrent seta' jressaq il-provi tiegħu u għalhekk jirriżulta li kellu xahrejn għad-disposizzjoni tiegħu biex jagħmel id-difiża approprjata li jidhirlu. Kieku huwa għamel dan fis-seduta li kien imiss, wara dik id-data – il-Prosekuzzjoni ma kenitx tkun fil-posizzjoni li tipproduċi provi oħra.

Minn eżami tal-proċess quddiem il-maġistrat jidher li l-isforzi tar-rikorrent kienu iċċentrati biex jitlob u jaqla' l-benefiċċju ta' libertà provviżorja, tant illi, fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 1989, hemm reġistrat:

*"The defence requested an adjournment of the case, once accused was only released on bail a few days ago and was not in a position to effectively prepare the defence in the case .....*

*The Court puts off the case for the final submissions of the defence to the 17th November 1989 after which date the Court will definitely decide on these proceedings."*

Dan ir-rikors kostituzzjonali ġie ppreżentat fis-6 ta' Diċembru 1989 – ċjoè fl-istess ġurnata li l-Qorti tal-Maġistrati ppronunzjat sentenza preliminari li prattikament eżaminat l-istess lamenti li hemm f'dan ir-rikors u li ġew risposti u miċħuda. Is-

sentenza fil-meritu mbagħad ingħatat fil-11 ta' Diċembru 1989 u fl-istess data, ir-rikorrenti appella **minn din l-aħħar sentenza,** lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Mis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 1989 – dik li tittratta l-punti li jiffurmaw il-materja ta' dan ir-rikors kostituzzjonali – ir-rikorrent ma appellax.

Din hija omissjoni li d-dritt kostituzzjonali tagħna ma jippermettihiex u hija verament skorretta. Il-Kodiċi Kriminali u l-Liġijiet tal-Pulizija – jikkontjenu, bħala ġeneralità, aktar dettalji u aktar rimedji fil-kamp tad-Dritt Penali mill-Kostituzzjoni, li aktarx tindika l-prinċipji ġenerali u fundamentali ta' dak id-dritt, u r-rimedji tagħha huma aktarx ta' natura kompensatorja milli, immedjatament korrettorji, kif inhuma dawk ordinarji – fiż-żewġ gradi tal-proċeduri.

Għaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara illi r-rikorrent ma ssodisfax il-Qorti li huwa, qabel ma rrikorra għal rimedju kostituzzjonali kien effettivament eżawrixxa r-rimedji ordinarji, b'dan kollu, minħabba l-impostazzjoni żbaljata tal-Prosekuzzjoni rigward l-applikabilità o meno tal-garanziji kostituzzjonali għall-proċeduri ta' estradizzjoni w in-nuqqas ta' avviż mill-maġistrat sedenti, lir-rikorrent meta ħarġet l-ordni ta' estradizzjoni – kif irid l-artikolu 16 tal-Kapitolu 276, ġa l-materja ta' l-ewwel sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' April 1991; – din il-Qorti, xorta eżaminat l-allegati vjolazzjonijiet b'riżultat negattiv għar-rikorrenti w għalhekk qed tiċħad it-talbiet tiegħu bl-ispejjeż.